MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 17/2007

**Charles Thorne (Karta ta' l-Identità bin-Numru 844136M) u Clyde Thorne (Karta ta' l-Identità bin-Numru 18373M)**

**Vs**

**John Mallia Borg (Karta ta' l-Identità bin-Numru 422953M) u martu Felicienne Mallia Borg (Karta ta' l-Identità bin-Numru 437857M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Charles Thorne u Clyde Thorne fit-22 ta' Jannar 2007 permezz ta' liema jitolbu li John u Felicienne konjugi Mallia Borg jigu ikkundannati jhallsuhom is-somma ta' erbat elef, tlett mija wiehed u disghin Lira Maltija (Lm4,391), illum ekwivalenti ghal €10,228.28, rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut ghall-konsenja u bejgh ta' oggetti tad-deheb u hagar iehor prezjuz fuq inkarigu taghhom stess, bl-imghax legali dovut mid-data tal-konsenja sad-data ta' l-effettiv

pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra John u Felicienne konjugi Mallia Borg;

Rat id-dokumenti esebiti mill-atturi flimkien mar-Rikors promotur a fol. 2 sa’ 6 tal-process;

Rat ir-Risposta pprezentata minn John u Felicienne Mallia Borg fl-20 ta’ Frar 2007 permezz ta’ liema jopponu ghat-talba attrici u jitolbu li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li: (i) huma ma humiex il-legittimi kontradittturi ta’ l-atturi peress illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejniethom u dana billi l-ftehim dejjem sar bejn l-atturi u s-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. u ghaldaqstant huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) is-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. ghandha tigi kjamata fil-kawza peress illi hija din s-socjetà, li taghha huma diretturi, li kienet tixtri u thallas fil-pront ghal oggetti tad-deheb minghand l-atturi. Sussegwentement inbidel il-ftehim u l-hlas beda jsir meta l-oggetti jinbieghu mis-socjetà Mallia Borg & Co. u mhux mal-konsenja. Numru ta’ oggetti gew konsenjati lura lill-atturi peress li dawn ma inbieghux mis-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co.; (iii) is-somma reklamata mill-atturi ma hijiex dovuta fl-intier taghha hlief ghas-somma ta’ Lm1,000, ekwivalenti ghal €2,329.37, u dan kif jirrizulta mill-prospett anness mar-Risposta markat Dok. “MB1”; (iv) huma ghandhom fil-pussess taghhom numrui ta’ crieket, colliers u *display* tad-deheb u hagar prezjuz li s-socjetà Mallia Borg & Co. ma irnexxilhiex tbiegh u l-atturi gew interpellati sabiex jigbruhom izda dawn baqghu ma ghamluhx; (v) li bhala diretturi tas-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. ghadhom ma thallsux is-somma ta’ Lm700, ekwivalenti ghal €1,630.56, rapprezentanti drittijiet dovuti lilhom ghall-valutazzjoni li huma kienu ghamlu fuq inkarigu ta’ l-atturi. Illi ghalhekk l-ammont bilancjali dovut lill-atturi huwa ta’ Lm300, ekwialventi ghal €698.81, u dan skond kif jirrizulta mill-prospett anness mar-Risposta markat Dok. “MB1”;

Rat il-prospett anness mar-Risposta tal-konvenuti Mallia Borg markat Dok. “MB1” a fol. 14 tal-process;

Rat is-sentenza pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta’ Marzu 2008 permezz ta’ liema giet milqugha l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u ddikjarat li ma humiex il-legittimi kontradittturi ta’ l-atturi stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnhom u l-aturi. Rat is-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-31 ta’ Ottubru 2008 permezz ta’ liema gie milqugh l-appell ta’ l-atturi u s-sentenza tal-Qorti ta’ Prim’ Istanza giet revokata u l-atti tal-kawza rinvijati lill-Qorti ghad-determinazzjoni u decizjoni tat-talba ta’ l-atturi u ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra ghaliha;

Semghet ix-xhieda ta’ Clyde Thorne moghtija waqt is-seduti tas-17 ta’ April 2007[1], tat-28 ta’ Jannar 2010[2] u ta’ l-24 ta’ Gunju 2010[3] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tas-17 ta’ April 2007 markati Dok. “CT1” u Dok. “CT2” a fol. 20 u 21 tal-process u waqt is-seduta tat-28 ta’ Jannar 2010 markati minn Dok. “CT1” sa’ Dok. “CT21” a fol. 87 sa’ 107 tal-process, rat l-affidavit ta’ Charles Thorne a fol. 24 tal-process u l-affidavit ta’ Anne Marie Demajo a fol. 117 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ John Mallia Borg moghtija waqt is-seduti tas-6 ta’ Novembru 2007[4], tal-25 ta’ Frar 2010[5], ta’ l-24 ta’ Gunju 2010[6] u ta’ l-1 ta’ Novembru 2010[7] u rat id-dokumenti esebiti mill-konvenuti permezz ta’ Nota pprezentata fit-8 ta’ Jannar 2008 a fol. 31 sa’ 54 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 17 sa’ 19 tal-process.
[2] Fol. 108 sa’ 115 tal-process.
[3] Fol. 125 sa’ 127 tal-process.
[4] Fol. 28 sa’ 30 tal-process.
[5] Fol. 119 sa’ 123 tal-process.
[6] Fol. 128 sa’ 131 tal-process.
[7] Fol. 133 u 134 tal-process.

Bl-azzjoni odjerna l-atturi jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta’ Lm4,391, illum ekwivalenti ghal €10,228.28, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghall-bejgh u konsenja ta’ oggetti ta’ deheb u hagar iehor prezjuz fuq inkarigu tal-konvenuti stess. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici b’diversi eccezzjonijiet fosthom l-eccezzjoni preliminari li huma ma humiex il-legittimi kontraditturi ta’ l-atturi stante li ma ghandhom ebda relazzjoni kummercjali maghhom peress illi kwalunkwe ftehim li sar, dan dejjem sar mas-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. u li ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Fid-dawl ta’ tali eccezzjoni l-konvenuti talbu l-kjamata in kawza tas-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. li dejjem hallset lill-atturi fil-pront ghall-oggetti mixtrija minghandhom sakemm inbidel il-ftehim li kien hemm bejniethom u kellha minflok tibda thallas mhux mal-konsenja ta’ l-oggetti izda malli dawn jinbieghu minnha. Fil-meritu l-konjugi Mallia Borg jeccepixxu li s-somma mitluba mill-atturi ma hijiex dovuta hlief ghall-ammont ta’ Lm1,000, illum ekwivalenti ghal €2,329.37, li minnu ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm700, ekwivalenti ghal €1,630.56, dovuta mill-atturi lis-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. rapprezentanti drittijiet dovuti ghal valutazzjoni li kienet saret fuq inkarigu ta’ l-atturi stess, liema somma baqghet ma thallsitx. Ghaldaqstant, l-ammont dovut lill-atturi huwa ta’ Lm300, illum ekwivalenti ghal €698.81, u dan kollu skond prospett anness mar-Risposta taghhom markat Dok. “MB1” a fol. 14 tal-process. Jeccepixxu wkoll li huma ghandhom fil-pussess taghhom numru ta’ crieket, colliers u *display* tad-deheb u hagar prezjuz li s-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. ma rnexxilhiex tbiegh u ghalkemm l-atturi gew interpellati diversi drabi biex jigbru tali oggetti, dan baqghu ma ghamluhx.

L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti giet trattata u deciza b’sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta pronuncjata fil-25 ta’ Marzu 2008[8], li stabbiliet li l-konvenuti konjugi Mallia Borg ma ghandhomx relazzjoni

[8] Fol. 55 sa’ 58 tal-process.

kummercjali ma' l-atturi u konsegwentement illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju. Dik is-sentenza giet imhassra u revokata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fil-31 ta' Ottubru 2008[9] li biha dik il-Qorti iddeterminat li l-konvenuti konjugi Mallia Borg ghandhom relazzjoni kummercjali ma' l-atturi u konsegwentement ghalhekk huma l-legittimi kontraditturi taghhom f'dawn il-proceduri. Il-Qorti ta' l-Appell osservat li *minn ezami tal-fatti l-aktar sostanzjali f'dan il-kaz kellu jkun bil-bosta evidenti illi dawn ma kellhomx iwasslu ghar-ratione decidendi li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Bizzejjed jigi rilevat illi l-fatturi esebiti a fol. 20 u 21 juru isem il-konvenut u huma minn dan iffirmati. Xejn ma jindika mill-provi illi l-atturi kienu xjenti mill-fatt illi l-konvenut kien qieghed jagixxi f'isem xi socjetà. Jekk meta ikkontratta, il-konvenut kellu l-intenzjoni li qed jinnegozja ghan-nom tal-kumpanija tieghu succitata, dan l-intendiment tieghu ma kkomunikahx lill-kontro-parti u xejn ma kellu jkun prezunt illi l-atturi kienu ragonevolment jafu illi d-debitur taghhom ma kienx il-konvenut personalment imma l-kumpanija tieghu*[10].

Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) il-konvenuti rrinunzjaw ghat-tieni eccezzjoni sollevata minnhom[11] u ghalhekk jirrizulta li din il-Qorti kif issa presjeduta ghandha tittratta u tiddeciedi t-talba attrici fid-dawl tat-tielet, ir-raba' u hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

Il-Qorti tibda biex tosserva li waqt it-trattazzjoni orali l-atturi ivventilaw il-pretensjoni li peress illi bis-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) gie stabbilit li s-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. ma ghandha ebda relazzjoni kummercjali maghhom, ir-raba' u hames eccezzjoni sollevati mill-konvenuti ghandhom jigu michuda b'mod sommarju peress illi jiccentraw madwar l-imsemmija socjetà *en nom collectif*.

---

[9] Fol. 68 sa' 75 tal-process.
[10] Fol. 74 tal-process.
[11] Verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2009, fol. 85 tal-process.

Ghalkemm huwa minnu li fir-raba' u hames eccezzjoni sollevati mill-konvenuti huma jikkontendu li s-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. ghad ghandha fil-pussess taghha oggetti appartenenti lill-atturi li baqghu ma gabruhomx u li l-istess socjetà ghandha tiehu minghand l-atturi s-somma ta' Lm700 rapprezentanti drittijiet ta' valutazzjoni maghmula fuq inkarigu ta' l-istess atturi, fil-fehma tal-Qorti una volta li bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) jinsab stabbilit li r-relazzjoni kummercjali dejjem kienet bejn il-konvenuti Mallia Borg u l-atturi, ir-raba' u hames eccezzjonijiet ghandhom jigu kkunsidrati fil-kuntest ta' tali relazzjoni kummercjali u ghalhekk r-referenza ghas-socjetà *en nom collectif* Mallia Borg & Co. ghandha tigi miflok ikkunsidrata bhala referenza ghall-konvenuti Mallia Borg, b'dana li l-istess zewg eccezzjonijiet ma jistghux jigu sommarjament michuda izda ghandhom jigu debitament trattati u decizi.

Sorvolata din il-kwistjoni l-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta l-kaz fil-meritu.

Kif già iktar 'l fuq osservat l-atturi jippretendu minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma ta' Lm4,391, ekwivalenti ghal €10,228.28, rapprezentanti l-valur ta' oggetti ta' deheb u hagar prezjuz minnhom mibjugh u konsenjat lill-imsemmija konvenuti fuq inkarigu taghhom stess. In sostenn tat-talba attrici l-attur Clyde Thorne esebixxa l-fatturi relattivi ghan-negozju bejnu u l-konvenut John Mallia Borg – Dok. "CT1" sa' Dok. "CT21" a fol. 87 sa' 107 tal-process. Il-konvenuti jikkontrapponu ghall-pretensjoni ta' l-atturi bid-difiza tal-pagament u bid-difiza tat-tpacija kif johrog car mix-xhieda tal-konvenut John Mallia Borg u mill-prospett anness mar-Risposta taghhom markat Dok. "MB1" a fol.14 tal-process.

Mix-xhieda li ta l-attur Clyde Thorne waqt is-seduti tat-28 ta' Jannar 2010[12] u ta' l-24 ta' Gunju 2010[13] u mix-xhieda li ta l-konvenut John Mallia Borg waqt is-seduti tal-25 ta' Frar 2010[14], ta' l-24 ta' Gunju 2010[15] u ta' l-1 ta'

[12] Fol. 108 sa' 115 tal-process.
[13] Fol. 125 sa' 127 tal-process.
[14] Fol. 119 sa' 123 tal-process.

Novembru 2010[16], jirrizulta li l-vertenza bejn il-partijiet kontendenti ticcentra madwar is-segwenti fatturi: 138 047 Dok. “CT4”, 138 058 Dok. “CT6”, 138 085 Dok. “CT16”, 138 089 Dok. “CT17”, 138 050 Dok. “CT19” u 138 091 Dok. “CT21”. Dwar il-fatturi l-ohra l-partijiet jaqblu li hemm uhud minnhom li huma mhallsa mill-konvenuti jew l-oggetti gew ritornati lill-atturi – 138 026 Dok. “CT1”, 138 041 Dok. “CT2”, 138 042 Dok. “CT3”, 138 064 Dok. “CT7”, 138 067 Dok. “CT8”, 138 070 Dok. “CT9”, 537 821 Dok. “CT10”, 537 823 Dok. “CT11”, 537 830 Dok. “CT12”, 537 833 Dok. “CT13”, 537 835 Dok. “CT14” u 138 040 Dok. “CT20”, u li hemm ohrajn fejn il-bilanc indikat ghadu pendenti favur l-atturi – 138 057 Dok. “CT5”, 537 839 Dok. “CT15” u 138 054 Dok. “CT18”.

Fid-dawl ta’ dan ghalhekk il-Qorti ser tiffoka l-konsiderazzjonijiet Taghha primarjament fuq dawk il-fatturi li dwarhom ma hemmx qbil bejn il-partijiet kontendenti, ossia l-fatturi 138 047 Dok. “CT4”, 138 058 Dok. “CT6”, 138 085 Dok. “CT16”, 138 089 Dok. “CT17”, 138 050 Dok. “CT19” u 138 091 Dok. “CT21”.

Kif appena osservat il-konvenuti jilqghu ghall-pretensjoni ta’ l-atturi *inter alia* bid-difiza tal-pagament ta’ uhud mill-fatturi li l-attur Clyde Thorne jikkontendi li ghadhom dovuti fl-intier taghhom jew ammonti bilancjali minnhom. Fix-xhieda li ta waqt is-seduti tal-25 ta’ Frar 2010[17] u ta’ l-1 ta’ Novembru 2010[18], il-konvenut John Mallia Borg elenka dawk il-fatturi li taghhom l-atturi qed jesigu l-hlas imma li skontu huma mhallsa: *f’dak li jirrigwarda l-invoices bin-numru 138026, 138041, 138062 jiena naqbel ma’ dak li qal l-istess attur Clyde Thorne. Fir-rigward ta’ l-invoice bin-numru 138047*[19] *ma naqbilx li l-bilanc ta’ sittin lira indikat fuq dik l-invoice ghadu dovut ghax jiena naf fic-cert illi dak il-bilanc thallas. Jiena nerga’ nghid li dan il-bilanc ta’ sittin Lira thallas ghalkemm dokumenti li dan fil-fatt jinsab imhallas fil-pussess tieghi m’ghandix. … Ghal dak li*

[15] Fol. 128 sa’ 130 tal-process.
[16] Fol. 133 sa’ 134 tal-process.
[17] Fol. 119 sa’ 123 tal-process.
[18] Fol. 133 u 134 tal-process.
[19] Dok. “CT4” a fol. 90 tal-process.

*jirrigwarda l-invoice 138085*[20] *jiena nghid li din hija paid ghalkemm l-attur ighid li mhijiex. Ghalija din tirrizulta li hija paid proprja mill-fatt li ma fiha l-ebda firem fuqha li dak kien ifisser li jiena nkun hallastu immedjatament. Fir-rigward ta' l-invoice 138089*[21] *ghalkemm l-attur ighid li hemm l-ammont ghadu pendenti, jiena ghalija din hija paid ukoll. Ghalkemm jista' jkun li ghidt li nahseb li hija paid, irrid nghid li jiena cert li din hija imhallsa. … Fir-rigward ta' l-invoice 138050*[22] *ghalkemm l-attur ighid li ghadha pendenti, din ghalija hija paid. Dawn jirrizultaw imhallsin mir-records tieghi, ossia mill-book keeping tieghi fejn jiena nkun indikajt x'hallast u x'ma thallasx lill-attur. Irrid nghid li m'inhix cert jekk il-pagamenti kienux isiru kollha cash jew inkella kienx hemm minnhom li kienu jsiru permezz ta' cekkijiet. … Qed nigi muri l-invoice 138091*[23] *Dok. CT21 u nghid li ghalkemm m'ghandi xejn indikat fir-records tieghi, fir-rigward ta' din l-invoice ghalija din hija mhallsa. … Jiena nikkonferma li fuq id-dokumenti esebiti bhala Dok. CT1 hemm il-firma tieghi. Hemm ukoll il-firma ta' Clyde Thorne. Qed jigi suggerit lili li fuq dawk il-fatturi fejn m'hemmx miktub paid dawn ikunu ghadhom dovuti u bhala ad ezempju l-fattura CT 4 fejn hemm il-valur ta' sittin Lira, ma' dawn id-dokumenti pprezentajt statement fejn naghti ezattament il-posizzjoni kif inhi u minn dan l-istatement jirrizulta dak li hu mhallas u dak li mhuwiex imhallas.*

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *fil-kors ordinarju tal-process minn jallega l-pagament dan irid jissosstanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali*[24]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ian Abela Fitzpatrick ezercenti l-kumerc bl-**

---

[20] Dok. "CT16" a fol. 102 tal-process.
[21] Dok. "CT17" a fol. 103 tal-process.
[22] Dok. "CT19" a fol. 105 tal-process.
[23] Fol. 107 tal-process.
[24] Woodline Ltd. v. Forsite Design & Project Management Services Ltd., Citaz. Nru. 749/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 2003, Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003, Av. J. Buttigieg noe v. Jos. Portelli noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Kummercjali) fis-26 ta' Jannar 1976, Joe Chetcuti noe v. Joseph Pearson et noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998.

**isem The Servicing Network v. Web Trading Limited, Appell Civili Nru. 1752/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Novembru 2003, il-Qorti ta' l-Appell ziedet tghid illi *tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjemm imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa' l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu*.

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami l-konvenuti ma rnexxilhomx jissodisfaw l-oneru tal-prova impost fuqhom bil-Ligi. Ghalkemm jallegaw li uhud mill-fatturi li fuqhom l-atturi jibbazaw l-azzjoni odjerna huma mhallsa, bhala fatt ma ressqu ebda prova li sodisfacentement tistabilxxi dan bhala fatt.

Mix-xhieda ta' John Mallia Borg appena citata johrog b'mod car li l-allegazzjoni tal-hlas tal-fatturi bin-numri 138 047 Dok. "CT4", 138 085 Dok. "CT16", 138 089 Dok. "CT17", 138 050 Dok. "CT19" u 138 091 Dok. "CT21" hija bbazata fuq l-affermazzjonijiet li *fir-rigward ta' l-invoice bin-numru 138047*[25] *ma naqbilx li l-bilanc ta' sittin lira indikat fuq dik l-invoice ghadu dovut* ***ghax jiena naf fic-cert illi dak il-bilanc thallas****. Jiena nerga' nghid li dan il-bilanc ta' sittin Lira thallas ghalkemm dokumenti li dan fil-fatt jinsab imhallas fil-pussess tieghi m'ghandix. … Ghal dak li jirrigwarda l-invoice 138085*[26] *jiena nghid li din hija paid ghalkemm l-attur ighid li mhijiex.* ***Ghalija din tirrizulta li hija paid proprja mill-fatt li ma fiha l-ebda firem fuqha li dak kien ifisser li jiena nkun hallastu immedjatament****. Fir-rigward ta' l-invoice 138089*[27] *ghalkemm l-attur ighid li hemm l-ammont ghadu pendenti, jiena ghalija din hija paid ukoll. Ghalkemm jista' jkun li ghidt li nahseb li hija paid, irrid nghid li* ***jiena cert li din hija imhallsa.*** *… Fir-rigward ta' l-invoice 138050*[28]

[25] Dok. "CT4" a fol. 90 tal-process.
[26] Dok. "CT16" a fol. 102 tal-process.
[27] Dok. "CT17" a fol. 103 tal-process.
[28] Dok. "CT19" a fol. 105 tal-process.

*ghalkemm l-attur ighid li ghadha pendenti, din ghalija hija paid. ... Qed nigi muri l-invoice 138091*[29] *Dok. CT21 u nghid li ghalkemm m'ghandi xejn indikat fir-records tieghi, fir-rigward ta' din l-invoice ghalija din hija mhallsa.* Huwa jikkontendi li dak minnu affermat huwa kkonfermat u korroborat mill-*book keeping records* tieghu tant illi fl-istess xhieda jghid li *dawn jirrizultaw imhallsin mir-records tieghi, ossia mill-book keeping tieghi fejn jiena nkun indikajt x'hallast u x'ma thallasx lill-attur,* izda dawn ir-records, li certament huma l-aqwa prova ta' dak minnu affermat, ma gewx esebiti bhala prova fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti difficilment tista' temmen dak affermat mill-konvenuti u b'hekk tkun konvinta mill-veracità ta' l-allegazzjoni li l-fatturi bin-numri 138 047 Dok. “CT4”, 138 085 Dok. “CT16”, 138 089 Dok. “CT17”, 138 050 Dok. “CT19” u 138 091 Dok. “CT21” huma mhallsa. Huwa ferm iktar verosimili dak affermat mill-attur Clyde Thorne li dawn il-fatturi, fl-intier taghhom jew ammonti bilancjali minnhom skond il-kaz, ghadhom pendenti u b'hekk dovuti mill-konvenuti, Konsegwentement ghalhekk id-difiza tal-pagament sollevata mill-konvenuti kontra t-talba attrici ghall-hlas qed tigi respinta.

Fir-rigward tal-fattura numru 138 058 - Dok. "CT6" a fol. 92 tal-process – il-konvenuti jikkontendu li l-ammont bilancjali ta' Lm1,601 hemm indikat u pretiz mill-atturi ma huwiex dovut izda hija dovuta biss is-somma ta' Lm701, in segiwtu ulterjorment ridotta ghal Lm134, ghaliex dak huwa l-valur tad-deheb li f'dak il-kaz partikolari gie ritornat lill-atturi. L-attur Clyde Thorne jikkontesta din il-pretensjoni tal-konvenuti u jghid li hija ghal kollox zbaljata ghaliex ibbazaw il-kalkoli taghhom fuq qari tal-mizien taghhom li kien jizen 20% iktar milli suppost. Filwaqt li l-konvenuti jaqblu li l-mizien taghhom kien jizen iktar milli suppost, jikkontendu li l-konteggi taghhom huma korretti ghaliex il-piz tad-deheb konsenjat lilhom mill-atturi ttiehed fuq il-mizien taghhom u ghalhekk ir-rizultat finali ta' dak

[29] Fol. 107 tal-process.

minnhom dovut lill-atturi huwa dak ta' Lm701 jew Lm134 u mhux ta' Lm1,601. L-attur Clyde Thorne kategorikament jichad il-piz tad-deheb mal-konsenja ttiehed fuq il-mizien tal-konvenut izda jghid li hu mar ghand il-konvenut bil-piz già ikkalkolat billi kien hadmu fuq il-mizien tieghu li kuntrarjament ghal dak tal-konvenuti kien jizen sew.

Fil-fehma tal-Qorti huwa ferm iktar kredibbli li meta l-attur mar biex jikkonsenja id-deheb lill-konvenut John Mallia Borg huwa kien già ha l-piz tad-deheb u ikkalkula l-valur tieghu: huwa ghal kwantu inverosimili li kien jaghmel mod iehor. Apparte minnhekk ghalkemm irrizulta li fiz-zmien meta l-oggetti li l-konvenut ma irnexxilux ibiegh gew konsenjati lura lill-atturi l-mizien tieghu kien qed jimmarka 20% iktar milli suppost, ma rrizultax li dan kien il-kaz anke fiz-zmien tal-konsenja li sehhet madwar sena qabel.

Il-konvenuti hargu bil-figura ta' Lm701 a bazi tal-valur ta' Lm5,386 li skonthom huwa l-valur tad-deheb ritornat lill-atturi. Huwa ovvju li dak il-valur inhadem a bazi tal-piz mehud fuq il-mizien taghhom li, kif già osservat, kien jizen 20% izjed. Minn dan isegwi li l-valur tad-deheb ritornat lill-atturi effettivament kien ta' madwar Lm4,488, ossia 20% inqas, u mhux ta' Lm5,386. Dan il-valur jirrispekkja l-ammont li jidher fuq il-fattura in kwistjoni, li fil-fatt hu ta' Lm4,486, u ghaldqastant fil-fehma tal-Qorti l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi huwa ta' dak mitlub ta' Lm1,601.

Il-konvenuti jilqghu ghat-talba ta' l-atturi wkoll bid-difiza tat-tpacija u cioè li mill-ammont qual' volta minnhom dovut lill-atturi ghandha tonqos is-somma ta' Lm700 rapprezentanti drittijiet ghal *valuation* maghmula fuq inkarigu ta' l-istess atturi. F'tali rigward il-konvenut John Mallia Borg jikkontendi li *fir-rigward tal-valuation li kellha ssir ghal Mrs. Demajo jiena nghid li l-inkarigu kien inghata lili direttament mill-attur Clyde Thorne u mhux mis-Sinjura Demajo. Jiena irrid nghid li lil din is-Sinjura Demajo ma nafhiex, ghalkemm meta konna qeghdin ghandha kienet qalet li taf lil ohti li tghix l-Awstralja u baqghet isselli ghaliha mieghi. Jiena hadt l-impressjoni, ghalkemm din hija impressjoni biss u m'ghandiix fatti fic-cert li*

*jippruvawha, li s-Sur Thorne ma kienx hemm nies ohra li accettaw li jaghmluhielu din il-valuation u jiena hadt din l-impressjoni ghax meta konna dehlin kien qalli 'oqghod attent kif tipprezzah ghax id-deheb hdimtu jiena'. Waqt il-valuation ta' l-affarijiet ahna konna tkellimna. Kien hemm certa affarijeit li ma qbilniex u certa ohrajn li qbilna u mbaghad finalment harget il-valuation ta' dan id-deheb. Meta jiena naghmel il-valuation tad-deheb jiena dan ix-xoghol qatt ma naghmlu b'xejn izda nippretendi li nithallas. Wara il-valuation jien niftakarni nghid lill-attur li lis-Sinjura Demajo messna naghmlulha kont. L-attur ighid li jiena lis-Sinjura Demajo kont ghidtilha illi mhux se jinhareg kont. Jiena ma niftakarx x'ghedtilha ezattament dakinhar. Jista' jkun li ghal skopijiet ta' edukazzjoni kont ghidtilha 'issa imbaghad naraw', però niftakar fic-cert li lill-attur wara kont ghidtlu li l-kont kellu jinhareg[30].*

Ghalkemm l-attur Clyde Thorne jaccetta l-fatt li l-konvenut kien ippartecipa fil-*valuation* li kienet saret ghas-Sinjura Demajo, jichad li huwa dovut xi hlas da parte taghhom, ossia l-atturi, lill-konvenuti ghal din il-*valuation*. Huwa jikkontendi li *fir-rigward ta' l-entry li hemm fir-rendikont a fol. 14 tal-process, jigifieri valuation made by me and not paid for his client due to me, irrid nghid li din kienet valuation li kienet saret ghal certa Anne Demajo. Din is-Sinjura Demajo kienet klijenta tieghi u kienet talbitni valuation ta' tipi varji ta' gojjelli ghal skopijiet ta' insurance. Jiena kont tlabt lis-Sur Mallia Borg biex jigi jaghmel din il-valuation flimkien mieghi. Jiena irrid nghid li nofs jekk mhux tlett kwarti tax-xoghol kont ghamiltu jien. Meta tlestiet il-valuation konna nafu l-valur x'inhu u meta s-Sinjura Demajo talbet lill-konvenut x'ghandha taghtih ghal dan ix-xoghol huwa qalilha li ma ried xejn. Meta morna lura l-hanut tieghi u kelli print out lesta ta' din il-valuation jien ergajt staqsejt lill-konvenut x'ried jithallas minghand is-Sinjura Demajo ta' din il-valuation u rega' qalli xejn. Jigifieri fl-ewwel istanza l-konvenut ma riedx hlas taghha u llum qed jippretendi hlas ta' seba' mitt Lira Maltin. Jiena irrid nghid li jekk il-konvenut ippretenda hlas ghal din il-valuation seta' talabha direttament minghand is-Sinjura*

---

30 Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2010, fol. 119 sa' 123 tal-process.

*Demajo ladarba konna ghamilna l-valuation id-dar taghha u kien jaf min hi u anke rrid nghid li hija habiba ta' oht l-sitess konvenut*[31].

Waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2010[32] l-attur Clyde Thorne mill-gdid tenna li *fir-rigward ta' Anne Marie Demajo dejjem jiena kont naghmillhom il-valuation tad-dehbijiet izda kien hemm okkazjoni minnhom meta riedet a second opinion u flok ma qghadt inqabbad kwalunkwe persuna jiena kont kellimt lill-konvenut u kont tlabtu jigi jaghmel valuation ghaliha. Jiena nikkonferma li lil Mallia Borg jont qabbadtu jiena biex issir il-valuation. Demajo riedet thallsu dak il-hin li saret il-valuation izda quddiemi l-konvenut qalilha li ma ried xejn. Jiena rrid nghid li ghalkemm saret il-valuation mill-konvenut it-tlett kwarti tax-xoghol kont ghamiltu jien. Il-balance kont hadt tieghi, il-gauge tad-djamanti kont hadt tieghi, il-loop, kollox affarijiet tieghi. Jiena rrid nghid li l-valuation li kien ghamel il-konvenut kienet qablet mal-valuation tieghi. Kien hemm biss xi differenzi zghar. Jiena lis-Sinjura Demajo qatt ma iccargjatha tal-valuations li naghmillha. Jiena personalment ukoll kont saqsejt lill-konvenut x'ried ghall-valuation li ghamel ghas-Sinjura Demajo u lili qalli xejn. Irrid nghid li l-konvenut qatt ma pprezentali invoice ghal din il-valuation. Wara li jiena ftaht il-kawza kontra l-konvenut huwa ressaq pretensjoni fil-konfront tieghi ta' tminn mitt lira ghall-valuation.*

Fir-rigward tal-hrug tal-fattura ghall-*valuation* u tal-fatt li ressaq il-pretensjoni ghall-hlas wara li gew istitwiti l-proceduri odjerni fil-konfront tieghu, il-konvenut John Mallia Borg irribatta li *fir-rigward tal-valuation li saret ghas-Sinjura Demajo jiena ma hrigtx invoice ghas-Sur Thorne. Jiena generalment però ma nohrogx invoices ghax hija norma li meta naghmel valuation jiena nithallas. Jiena ghadni sal-gurnata ta' llum invoice ghal din il-valuation ma hrigtx izda hija mnizzla fl-istatement li presentajt fl-atti ta' din il-kawza. Jiena naqbel illi l-kwistjoni ta' din il-valuation qamet ghaliex saret din il-kawza. Ladarba l-atturi qed*

[31] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2010, fol. 108 sa' 115 tal-process.
[32] Fol. 125 sa' 127 tal-process.

*jippretendu certi hlasijiet minghandi, jiena nesigi li l-hlasijiet huma dovuti lili wkoll però nergà nikkonferma li sakemm saret il-kawza, jien invoice qatt ma hrigt. Ghalkemm invoice ma inhargitx, jiena tal-valuation naturalment jiena nippretendi hlas u nithallas. Anki f'cirkostanzi meta lill-klijenti ghedtilhom li m'ghandhom jaghtuni xejn ghall-valuation, dawn xorta ikkumpensawni b'forma ta' rigal. Fir-rigward ta' ricevuti fiskali jiena nghid li fejn ikun hemm involuti valuations, dawn mhux dejjem jinhargu. Fir-rigward ta' l-attur, dina kienet l-ewwel u l-unika valuation li ghamilt ghalih*[33].

Fir-rigward tad-difiza tat-tpacija l-gurisprudenza nostrali tghallem illi *la compensazione giudiziale non è ammissibile quando la liquidazione di uno dei crediti dipenda da una ratizzazione non accettata dalla controparte*[34] u li *l-kompensazzjoni issir ipso jure u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu indaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha 'ipso jure' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi*[35]. Dawn il-principji essenzjalment jikkonfermaw dak enuncjat fl-Artikoli 1196 u 1197 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz in ezami jirrizulta immedjatament evidenti li l-pretensjoni tat-tpacija sollevata mill-konvenuti in linea difensjonali kontra t-talba ghall-hlas ta' l-atturi ma tistax tregi u b'hekk tigi milqugha minn din il-Qorti u dana billi l-allegat kreditu taghhom fil-konfront ta' l-atturi ma huwiex qed jigi rikonoxxut u accettat mill-istess atturi, li anzi jichdu li huma b'xi mod debituri taghhom. Il-kreditu pretiz mill-konvenuti ghalhekk

---

33 Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2010, fol. 133 u 134 tal-process.

34 Maureen Scicluna v. Dr. Anthony P. Farrugia, Appell Civili Nru.804/03, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' April 2005.

35 Dr. Michelle Pace noe v. Francis Chetcuti, Citaz. Nru. 2124/00, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2002; Joseph Agius v. Peter Cassar Torregiani et noe, Citaz. Nru. 453/95, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2001 u C.Fino & Sons Limited v. Polidano Bros Limited, Citaz. Nru. 1795/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 2004.

mhux likwidu jekk fil-fatt verament hu dovut u ghalhekk ma jistax jinghad li fid-dawl tal-Ligi kif espressa fl-imsemmija Artikoli 1196 u 1197 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta tista' issir kompensazzjoni arbitrarja kif minnhom pretiz mill-konvenuti billi mill-ammont minnhom dovut l-atturi jitnaqqas l-ammont ta' Lm700.

Filwaqt li ghar-ragunijiet appena moghtija l-pretensjoni tat-tpacija sollevata mill-konvenuti ma tistax tigi milqugha, jigi osservat li b'din il-linja difensjonali l-istess konvenuti qed jammettu u jirrikonoxxu li huma debituri ta' l-atturi ghaliex *colui che eccepisce la compensazione non potrebbe fare ciò senza riconoscere il credito compensabile o compensato*[36].

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu osservat mill-Qorti dwar il-fatturi li dwarhom tirrizulta kontestazzjoni bejn il-partijiet u dak li rrizulta mix-xhieda ta' l-attur Clyde Thorne u tal-konvenut John Mallia Borg dwar il-fatturi li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni jew ghax imhallsa jew ghaliex jinsab accettat li hemm bilanc pendenti, jirrizulta li l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi huwa ta' Lm4,379, illum ekwivalenti ghal €10,200.33.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tielet, raba' u hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tilqa' t-talba ta' l-atturi sa' l-ammont ta' €10,200.33, ekwivalenti ghal Lm4,379, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' €10,200.33, ekwivalenti ghal Lm4,379, bl-imghax legali fuq kull ammont li jirrizulta dovut dekoribbli mid-data tal-fattura jew tal-pagament akkont skond il-kaz sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenuti.

---

[36] Maureen Scicluna v. Dr. Anthony P. Farrugia, Appell Civili Nru.804/03, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' April 2005 u Marianna Spiteri et v. Joseph Vella, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 1993, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXVII – iii – 128.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------